MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Numru 403/2001

**L-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
**Spettur Sandro Zarb**
**V**

**NAFAA ALI ARBI EOSSTA**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputat **NAFAA ALI ARBI EOSSTA** ta' erbgha w ghoxrin sena, bin Ali u Ammna, imwieled Tripoli fil-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 1977 u joqghod Gharian fil-Libja, detentur ta' passaport numru 2896586/2000, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha w ghoxrin ta' Gunju 2001, f'xi l-erbgha ta' wara nofisnhar f'Pinto Wharf, Floriana, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe ghamel hsara fil-vann numru ta' registrazzjoni CBH 664 tal-marka Toyoita HI Ace liema hsara hija ta' aktar minn

hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Mario Caruana mill-Qrendi.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr ma nghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra tinfliggi l-piena skond il-ligi, f'kaz ta' htija, tiddikjara lill-imsemmija persuna bhala mmigrant projbit u tordna li jinhareg Ordni ta' tnehhija kontra tieghu 'a tenur' ta' l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Lulju 2001 esibit fl-atti a fol 21 markat bhala dokument CSH 1.

Rat li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fur riferita.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghaxra ta' Dicembru 2003.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Illi l-Qorti rat li fil-mori tal-kawza l-imputat izzewweg mar ta' nazjonalita maltija kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esibit fl-atti a fol 31 u cioe lil Sandra Spiteri u ghalhekk m'ghandhix taghmel r-rakkomandazzjoni taghha sabiex l-Ufficju Principali tal-Immigrazzjoni johrog ordni ta' tkeccija kontra tieghu ai termini tal-artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti nnotat wkoll li l-akkuza kif moghtija mill-Prosekuzzjoni u cioe ta' over staying m'ghadhiex reat illum il-gurnata pero b'dak li jiddisponi l-artikolu 24 tal-Att XXII tas-sena 2002 il-Qorti xorta ghandha ssibu hati tal-akkuza jekk tirrizulta f'kaz li l-akkuza gia tkun pendenti il-Qorti.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(a) tal-Kap 9, l-artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 24 tal-Att XXII tas-sena 2002.

**Il-Qorti ghalhekk tiddikjara li qed ssib lil imputat NAFAA ALI ARBI EOSSTA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt lira maltin liema multa ghandha tithallas fi zmien xahrejn mill-lum ai termini tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti ghar-rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tiddikjara lill-imsemmija persuna bhala mmigrant projbit u tordna li jinhareg Ordni ta' tnehhija kontra tieghu 'a tenur' ta' l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li llum il-gurnata l-imputat huwa mizzewweg mara ta' nazzjonalita maltija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------